MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2004

Appell Kriminali Numru. 193/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Azzopardi talli fit-23 ta’ Awissu 2000 ghal habta tat-8.30 pm f’Maitland Street, Hamrun hebb ghal Rita Ebejer u ikkagunalha griehi ta’ natura gravi skond ma ccertifikaw Dr S. Vella MD, Dr P. Zammit MD, Dr A. Cassar MD u l-Professur Lino Cutajar;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta’ Ottubru, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Azzopardi hati skond din l-imputazzjoni u kkundannatu ghall-piena ta’ sentejn u nofs prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joseph Azzopardi, minnu prezentat fil-21 ta’ Outtbru 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ippresenta rikors ta’ appell twil u dettaljat, izda l-aggravji tieghu huma bazikament tlieta, u cioe`: (1) li l-ewwel qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li huwa kkaguna offiza jew offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Rita Ebejer, (2) li hu fil-fatt anqas biss mess lil Rita Ebejer, u (3) li fi kwalunkwe kaz il-piena inflitta fuqu, cioe` ta’ sentejn u nofs prigunerija, kienet wahda eccessiva.

Din il-Qorti ser tibda billi titratta t-tieni aggravju. Din il-Qorti qrat bir-reqqa aktar minn darba il-process kollu, u kull darba li qratu dejjem spiccat biex hassitha aktar konvinta minn qabel mill-versjoni moghtija mill-vittma Rita Ebejer, kif korroborata bid-deposizzjoni tal-girien Gina Farrugia u Stephen Farrugia – zewg girien li minkejja t-theddid ta’ l-appellant Azzopardi sabu gewwa fihom il-kuragg li jitilghu jixhdu u jghidu dak kollu li raw isehh. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma ghandha ebda dubbju li, wara li Rita Ebejer u Caroline Bianco gew fl-idejn u spiccaw jaghtu, intervjena l-appellant Azzopardi li beda jaghti kemm jiflah lill-istess Ebejer. Kien biss bl-intervent ta’ Stephen Farrugia li Azzopardi waqaf milli jkompli jaghti lil Ebejer. Bianco u Azzopardi, invece, it-tnejn taw versjoni li bazikament tghid li Azzopardi anqas biss mess lil Ebejer – skond Azzopardi meta huwa nizel mill-gallerija (bit-tfal f’idejh) Ebejer kienet diga telqet minn fuq il-post u marret l-Ghassa tal-Pulizija. Din il-Qorti semplicement ma temminx il-versjoni moghtija minn Bianco u minn Azzopardi; anzi tiddikjara bla tlaqliq li dawn it-tnejn xehedu l-falz bil-gurament. Sorprendentement l-ewwel qorti ma deherilix li ghandha tiehu passi kontra taghhom; u ghalhekk din il-Qorti, peress li ghandha aktar minn suspett ragjonevoli li dawn xehedu il-falz, ser tipprovdi hi fit-termini tal-Artikolu 523 tal-Kodici Kriminali.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, il-kwistjoni kollha hi jekk jirrizultax sodisfacentement pruvat li l-appellant ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ebejer, u senjatament ksur f'kustilja jew kustilji fil-vicinanzi tal-kilwa tax-xellug. Kif tajjeb josserva l-appellant, it-tabib Patrick Zammit, li xehed dwar dan il-punt, u li ezamina lil Ebejer l-ghada u l-pitghada tal-incident, ma setax jghid b'certezza assoluta li kien hemm tali ksur ghax, kif spejga fid-deposizzjoni tieghu, meta kustilja tkun imxaqqa f'post wiehed – ossia ma jkunx hemm ksur minn naha ghal ohra tal-kustija – tali frattura ma tidhirx bir-radjografija. Pero` l-istess tabib spjega li kien hemm is-sintomi ta' tali ksur, specjalment il-fatt li l-ugiegh jizdied u jonqos man-nifs. Issa huwa veru li dan it-tabib jghid li *"…<u>wisq probabbli seta'</u> kellha ksur tal-kustilji"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Kieku din kienet l-unika prova f'dan ir-rigward, din il-Qorti kienet taqbel ma' l-appellant li ma saritx il-prova, sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, li kien hemm offiza ta' natura gravi. Pero` din id-deposizzjoni trid tinqara <u>flimkien mad-deposizzjoni ta' l-istess Rita Ebejer</u>. Ebejer, fid-deposizzjoni taghha, mhux biss tidentifika lill-appellant bhala l-persuna li beda jaghtiha b'mod li, fi kliema stess *"…xaqqaqli kustilja…"* (fol. 21), izda tispjega li sal-gurnata li fiha xehdet quddiem l-ewwel qorti – 14 ta' Frar, 2001 – hija kienet ghadha ma tistax tiehu nifs fil-fond u lanqas tqandel. Kompliet tghid:

**"Tani bil-ponn u bis-sieq go dari, lanqas stajt niccaqlaq, u la stajt inqum, xejn. Ghamilt sebat ijiem l-isptar u l-kumplament ghamilt kwazi xahrejn id-dar fid-sodda, jigu l-hbieb u tal-familja jghinuni ghax ma stajt naghmel xejn."** (fol. 21)

Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom,

jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza. U huwa proprju dan li jidher li ghamlet l-ewwel qorti, u cioe` li wara li qieset mhux biss id-deposizzjonijiet tat-tobba izda wkoll dak kollu li rrizulta minn deposizzjonijiet ohra – inkluza d-deposizzjoni ta' Rita Ebejer – waslet ghall-konkluzzjoni li l-imsemmija Ebejer garrbet offiza ta' natura gravi fit-termini tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali, u li din l-offiza kienet ir-rizultat dirett tal-intervent ta' l-appellant. Din il-Qorti ma ssib ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddipartixxi minn din il-konkluzzjoni. Ghalhekk dana l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena. Skond l-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali, il-piena ghal min jikkaguna offiza gravi fuq il-persuna (li ma tkunx maghmula b'arma regolari, jew bi strument li jaqta' jew iniggez, jew b'sustanza jew likwidu li jesplodi, li jahraq jew li hu korroziv[1]) hija dik ta' prigunerija minn tlett xhur sa tlett snin. Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija <u>b'effett immedjat</u>. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika. Mill-banda l-ohra, meta l-ligi taghti latitudini wiesgha fil-piena, il-Qorti ghandha wkoll tibbilancja l-esigenzi tas-socjeta` mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Issa, il-piena erogata mill-ewwel qorti hi qrib hafna tal-piena massima f'dan il-kaz. Fil-kaz in dizamina l-appellant ma bdiex il-glieda hu, izda intervjena wara li Rita Ebejer u Caroline Bianco kienu diga bdew jaghtu bejniethom. B'dana kollu huwa intervjena bl-iskop car li jsawwat lil Ebejer u mhux biex jifridha minn ma' Bianco (il-persuna li huwa kien jghix

[1] Artikolu 217.

maghha) – skond l-appellant hu anqas biss intervjena ghax ghax Ebejer lehqet telqet sa ma huwa nizel mill-gallerija!! Jista' jaghti l-kaz – u din il-Qorti hi preparata li fuq dan il-punt taghti l-"beneficcju tad-dubbju" lill-appellant – li l-ewwel qorti kkargat xi ftit id-doza f'dak li jirrigwarda l-piena minhabba l-mod sfaccatament inveritjer li bih xehdu Bianco u l-appellant. Dan l-ewwel qorti ma setghetx taghmlu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, piena ta' ghaxar xhur prigunerija kienet tkun wahda aktar gusta.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' sentejn u nofs prigunerija u minflok tikkundannah ghall-piena ta' ghaxar xhur prigunerija, u tkkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

U peress li din il-Qorti hi tal-fehma li Caroline Bianco u Joseph Azzopardi xehedu l-falz fid-deposizzjonijiet taghhom quddiem l-ewwel qorti tat-23 ta' Marzu, 2001 (fol. 44 sa 51) u tal-20 ta' Marzu, 2002 (fol. 125 sa 142) rispettivament, wara li rat l-Artikolu 523 tal-Kodici Kriminali, tordna li l-imsemija Caroline Bianco u Joseph Azzopardi jitressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex iwiegbu ghal imputazzjoni ta' spergur, prevja okkorrendo investigazzjoni u indagni ulterjuri da parti tal-Pulizija Ezekuttiva. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata mir-Registratur lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------